

32004R0064

L 10/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

16.1.2004

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 64/2004  
tad-9 ta' Jannar 2004**

**li jstabbilixxi l-peżati li japplikaw mill-1 ta' Lulju 2003 għall-ħlas ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej  
li jservu f'pajjiżi terzi**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidra r-Regolamenti dwar il-Personal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 <sup>(1)</sup> u b'mod paertikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13 ta' l-Anness X tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Għandhom jitqiesu l-bidliet fil-għoli tal-ħajja fil-pajjiżi barra mill-Komunità u għandhom jiġu stabbiliti kif jixraq il-peżati applikabbli mill-1 ta' Lulju 2003 għall-ħlas imħallas fil-munita korrenti tal-pajjiż tax-xogħol ta' l-uffiċjali li jservu fil-pajjiżi terzi.
- (2) Il-peżati li rigward tagħhom ikun sar il-ħlas fuq il-bażi tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1338/2003 <sup>(2)</sup>, jistgħu jwasslu għal aġġustamenti retrospettivi 'l fuq jew 'l isfel għall-ħlas.
- (3) Għandha ssir dispożizzjoni għall-ħlasijiet b'lura fl-eventwalità ta' żieda fil-ħlas bħala riżultat ta' peżati ġodda.
- (4) Għandha ssir dispożizzjoni għall-irkupru tas-somom imħallsa żejda fl-eventwalità ta' tnaqqis fil-ħlas b'riżultat ta' peżati ġodda għall-perjodu taż-żmien bejn l-1 ta' Lulju 2003 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (5) Għandha ssir dispożizzjoni għal kull irkupru minn dan li jiġi ristrett għal perjodu taż-żmien ta' mhux iktar minn sitt

xhur qabel id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-peżati u li l-effetti tagħha jiġu mifruxa fuq perjodu taż-żmien ta' mhux iktar minn sena wara d-data ta' din id-deċiżjoni, bħalma jiġri fil-peżati li japplikaw għewwa l-Komunità Ewropea għall-ħlas u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2003, il-peżati li japplikaw għall-ħlas ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej li jservu fil-pajjiżi terzi mħallsa fil-munita korrenti tal-pajjiż tax-xogħol għandhom ikunu kif jidhru fl-Anness.

Ir-rati tal-kambju għall-kalkolu ta' dan il-ħlas għandhom ikunu dawk użati għall-implimentazzjoni ta' l-estimi finanzjarji ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għax-xahar li jiġi qabel id-data riferita fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 2*

1. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu l-ħlasijiet b'lura fl-eventwalità ta' żieda fil-ħlas bħala riżultat ta' peżati murija fl-anness.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti retrospettivi 'l isfel għall-ħlas fl-eventwalità ta' tnaqqis b'riżultat ta' peżati ġodda murija fl-anness għall-perjodu taż-żmien bejn l-1 ta' Lulju 2003 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-aġġustamenti retrospettivi li jinvolvu l-irkupru tas-somom imħallsa żejda għandhom ikunu ristretti għal perjodu taż-żmien ta' mhux iktar minn sitt xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-irkupru għandu jiġi mifruq fuq mhux iktar minn tnax-il xahar minn din id-data.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2182/2003 (ĠU L 327, tas-16.12.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 189, tad-29.7.2003, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Jannar 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. COWEN

---

## ANNEX

Il-Post tax-xogħol	Il-Peżati f'Lulju 2003
L-Afganistan (*)	0,0
L-Albanija	79,5
L-Alġerija	77,1
L-Angola	109,6
L-Arġentina	61,1
L-Awstralja	89,7
Il-Bangladesh	56,7
Il-Barbados	105,8
Il-Belize	78,9
Il-Benin	87,7
Il-Bolivja	51,2
Il-Bosnja Erzegovina	74,5
Il-Botswana	68,7
Il-Brażil	58,0
Il-Bulgarija	71,4
Il-Burkina Faso	82,4
Il-Burundi (*)	0,0
Il-Kambodja	65,2
Il-Kamerun	99,0
Il-Kanada	75,8
Il-Cape Verde	75,9
Ir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali	111,4
Iċ-Chad	114,5
Iċ-Ċili	65,2
Iċ-Ċina	76,8
Il-Kolombja	53,7
Il-Komoros	109,9
Il-Congo	130,2
Il-Kosta Rika	75,2
Il-Kosta ta' l-Avorju	106,3
Il-Kroazja	95,5
Il-Kuba (*)	0,0
Ċipru	100,1
Ir-Repubblika Ċeka	82,7
Ir-Repubblika Demokratika tal-Congo	138,7
Djibouti	97,6

(\*) Mhux disponibbli.

Il-Post tax-xogħol	Il-Peżati f'Lulju 2003
Ir-Repubblika Dominikana	51,7
L-Ekwador (*)	0,0
L-Eġittu	45,7
Il-Ginea Ekwatorjali	108,7
L-Eritrea	38,8
L-Estonja	75,5
L-Etjopja	70,0
Il-Gżejjer Fiġi	70,5
Dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	75,7
Il-Gabon	113,3
Georgia	82,0
Il-Ghana	70,0
Il-Gwatemala	73,3
Il-Ginea	71,3
Il-Ginea- Bissau	136,6
Il-Gujana	59,5
Haiti	82,7
Hong Kong	87,5
L-Ungerija	73,3
L-Indja	48,2
L-Indoneżja	86,6
Iżrael	93,8
Il-Ġamajka	77,4
Il-Ġappun (Naka)	121,3
Il-Ġappun (Tokyo)	129,2
Il-Ġordan	75,5
Il-Kazakistan	90,8
Il-Kenya	83,0
Il-Laos	70,1
Il-Latvja	69,9
Il-Libanu	92,6

Il-Post tax-xogħol	Il-Peżati f'Lulju 2003
Lesotho	55,0
Il-Liberja_ (*)	0,0
Il-Litwanja	75,5
Madagaskar	78,6
Il-Malawi	78,7
Il-Malasja	74,8
Il-Mali	90,4
Malta	94,9
Il-Mawritanja	65,4
Il-Gżira tal-Mawrizju	76,4
Il-Messiku	80,4
Il-Marokk	84,0
Il-Mozambique	69,6
In-Namibja	64,2
In-Nepal	63,5
L-Antilli Olandiżi	89,2
Il-Kaledonja l-Ġdida	119,9
In-Nikaragwa	69,1
In-Niġer	87,5
In-Niġerja	75,3
In-Norveġja	134,5
Il-Pakistan	52,6
Il-Papua New Guinea	68,4
Il-Paragway	60,8
Il-Perù	80,8
Il-Filippini	51,5
Il-Polonja	70,8
Ir-Rumanija	49,5
Ir-Russja	104,0
Ir-Rwanda	80,8
São Tomé u Príncipe	55,2
L-Għarabja Sawdita (*)	0,0
Is-Senegal	79,3
Is-Serbja u Montenegro	60,7

(\*) Mhux disponibbli.

Il-Post tax-xogħol	Il-Peżati f'Lulju 2003
Sierra Leone	72,9
Singapore (*)	0,0
Is-Slovakkja	79,0
Is-Slovenja	85,3
Il-Gżejjer Solomon	81,0
Is-Somalja (*)	0,0
L-Afrika ta' Isfel	54,3
Il-Korea ta' Isfel	88,9
Is-Sri Lanka	57,2
Is-Sudan	36,7
Is-Surinam	50,2
Swaziland	55,0
L-Isvizzera	119,2
Is-Sirja	56,6
It-Tajwan (*)	0,0
It-Tanżanja	58,6
It-Tajlandja	58,7
Il-Gambja	38,0
It-Togo	97,2
Trinidad u Tobago	69,5
It-Tunizija	74,8
It-Turkija	79,7
L-Uganda	66,2
L-Ukrajna	92,1
L-Istati Uniti (New York)	104,7
L-Istati Uniti (Washington DC)	101,3
L-Urugwaj	57,1
Vanuatu	115,2
Il-Venezwela	67,5
Il-Vjetnam	52,9
Ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża	87,7
Iż-Żambja	45,5
Iż-Żimbabwe (*)	0,0